MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 225/1999/1

**Anthony Grech**

**vs**

**Rebecca Stagno Navarra**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li:

1. tigi ddikjarata unikament responsabbli ghall-incident stradali li gara nhar is-27 ta' Lulju 1998 f'Depiro Street, Sliema, bejn il-vettura EAC-198 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura LAF-127 proprjeta tal-attur u ghad-danni konsegwenzjali;

2. jigu likwidati dawn id-danni ghas-somma ta' Lm268.38 jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Qorti okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi.

3. tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 1998, u bl-imghax legali mid-data tal-avviz sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (a fol 2 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett, illi –

1. L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun michuda bl-ispejjes billi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjenti izda gara unikment tort tal-attur innifsu.

2. It-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjenti m'ghandhiex tkun kundannata thallas danni lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 26 u 27 tal-istess atti) xehed li kien qed jsuq bil-mod f'Triq Depiro f'Tas-Sliema. Wara li kien dahal f'din it-triq anzi fil-bidu taghha kif iddur minn Triq Dingli, hu ra lill-konvenuta waqt li kienet f'karozza ipparkeggata fuq ix-xellug tieghu. Hawnhekk l-istess konvenuta li kienet wara l-"steering" fethet il-bieba fuq in-naha tal-lemin fuq quddiem. Bl-istess bieba, intlaqtet il-vettura tieghu fuq in-naha tax-xellug, avolja hu ghamel xi tentattiv sabiex jevita dan. Waqt il-kontro esami, hu specifika illi l-konvenuta ma kellhiex sieqha barra u li meta ra l-bieba tinfetah mill-konvenuta "konna 'close' cjoe ezatt maghha" (ara ukoll il-

versjoni li hu ta' lill-P.S. 1113 Emanuel Aquilina kif mnizzla a fol 29 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 34 sa 36 ibid) wara li specifikat li hi kienet parkeggata fit-triq in kwistjoni b'vetturi parkeggati kemm quddiemha kemm warajha, spjegat li hi kienet fuq is-"seat" tas-sewwieq bil-bieba miftuha u b'sieqha tal-lemin barra mill-karozza. Hi kienet ser tohrog mill-karozza izda fl-istess waqt, hi daret lura sabiex iggib xi haga minn fuq is-seat tal-passiggier. Hawnhekk hi tikkalkola li l-istess bieba kienet miftuha "madwar nofs pied". Kif kienet f'din il-posizzjoni deskritta, hi semghet hoss ta' tyres" u harset fil-mera interna minn fejn rat karozza gejja minn warajha. Inoltre, hi dawret rasha izda f'dan il-mument, il-karozza l-ohra habtet mal-istess bieba "fis-sens li qabditha mit-tarf u dawret il-bieba "all the way round". Hi ssottolineat li intlaqtet biss il-bieba u mhux sieqha. Inoltre semmiet li l-attur, li kien qed jsuq l-karozza l-ohra, kien qal, wara l-incident illi kien mghaggel minhabba x-xoghol tieghu.

Meta xehdet in kontro esami, jigi notat li l-konvenuta qalet testwalment "Nerga nirrepeti li jiena, qabel ma ftaht il-bieba harist mill-mera ta' gewwa". In rigward dan il-punt jinghad li meta xehdet in esami, l-konvenuta kienet semmiet li harset mill-mera, meta di gja kellha il-bieba miftuha u kienet fil-posizzjoni hawn fuq deskritta. Inoltre, hi ma kienetx harset mill-mera laterali fuq barra.

Hi ziedet tghid li l-istess bieba kienet qed tistrieh u tmiss ma sieqha u li hadet l-impressjoni li "Mill-hsejjes ta' tyres li smajt ….. li l-karozza l-ohra kienet gejja b'velocita' qawwija …." (ara ukoll ix-xhieda ta' missier il-konvenuta, George Stagno Navarra a fol 39 u 40 ibid u r-ritratti esebiti a fol 43 u 44).

Ikkunsidrat

Illi, wara li gew meqjusa mill-Qorti, id-deposizzjonijiet u dokumenti hawn fuq sintetizzati jidher evidenti li:

a) l-konvenut ma kienx qed jsuq b'volocita qawwija, kif allegat il-konvenuta. Difatti fuq il-post tal-incident, ma jidhirx li kien hemm xi "brake marks" (ara l-iskizz a fol 30 ibid).

b) ma instabitx xi evidenza li l-attur kien, b'xi mod, traskurat fis-sewqan tieghu u;

c) l-konvenuta fethet il-bieba u daret lura sabiex tigbor xi oggett minn fuq is-"seat" tal-passiggier, minghajr ma accertat ruhha li ma kien gej hadd iehor fuq l-istess triq minn warajha, qabel ma fethilha.

Illi, dan premess, ir-responsabilita' ta' dan l-incident ghandha tigi akkolata lill-istess konvenuta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-ammont ta' danni pretiz ma giex kontestat bhala valur (ara fol 32 ibid).

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet attrici u:

1) tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza fis-sewqan da parti taghha;

2) tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm268.38,0 u ;

3) tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm268.38,0 bl-imghax legali mid-9 ta' Frar 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 1998.

Alan Calleja
Deputat Registratur